MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 390/2004

**Mario u Gulia
konjugi Vassallo**

**vs**

**Adrian Muscat**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma seba’ mija u hames Liri Maltin (LM705.00,0) prezz ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAA-165 mibjugha mill-konvenut lill-atturi u liema vettura kienet kolpita b’difett mohbi u ma kinitx tal-kwalita’ pattwita, piu’ r-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ bejgh tal-imsemmija vettura li sar fis-7 ta’ Mejju tas-sena 2004 minhabba r-ragunijiet fuq premessi;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Mejju tas-sena 2004 u bl-imghax legali fuq is-somma dovuta mis-7 ta' Mejju tas-sena 2004 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------